DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ EUCAP NESTOR/1/2014

tal-24 ta' Lulju 2014

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR)

(2014/642/PESK)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2012/389/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti sabiex jeżerċita l-kontroll politiku u t-tmexxija strateġika tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR), inkluża d-deċiżjoni biex jaħtar Kap tal-Missjoni fuq proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ).

(2) Fit-23 ta' Lulju 2013, il-KPS adotta d-Deċiżjoni EUCAP NESTOR/3/2013 ([2]), li taħtar lis-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP NESTOR mis-16 ta' Lulju 2013 sal-15 ta' Lulju 2014.

(3) Fit-3 ta' Ġunju 2014, ir-RGħ ippropona l-estensjoni tal-mandat tas-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni ta' EUCAP NESTOR sal-15 ta' Lulju 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Etienne DE MONTAIGNE DE PONCINS bħala Kap tal-Missjoni tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) huwa b'dan estiż sal-15 ta' Lulju 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mis-16 ta' Lulju 2014.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

W. STEVENS

([1]) ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40.

([2]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà EUCAP NESTOR/3/2013 tat-23 ta' Lulju 2013 rigward il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini ta' Kapaċità Marittima Reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP NESTOR) (ĠU L 202, 27.7.2013, p. 23).